A.L. 384 tal-2018

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA (KAP. 188)

Regolament tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Reppublika ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 24, il-President ta' Malta, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 188.03.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. It-tifsira "Identità Malta" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandha titħassar u minnufih wara t-tifsira "Aġent Approvat" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali mwaqqfa permezz tal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali;". L.S. 497. 25.

Emenda ġenerali għar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-kliem "Identità Malta", "minn Identità Malta", "ta' Identità Malta", "lil Identità Malta", "sakemm Identità Malta" kull fejn jinsabu fir-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "l-Aġenzija", "mill-Aġenzija", "tal-Aġenzija", "lill-Aġenzija", "sakemm l-Aġenzija" rispettivament.